# Is-sena 1970 - Ħamsin sena ilu

minn Carmel Callus

Min hu tal-età tiegħi jiftakar is-snin sittin jispiċċaw u s-snin sebgħin jibdew. Id-dinja ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija bdiet tinbidel b'pass mgħaġġel ħafna. Dak li kien magħruf bħala l-Imperu Ingliż, issa kien għoddu għeb. L-Ingilterra fis- snin ta' wara l-gwerra bdiet tagħti l-Indipendenza lill-kolonji li kellha madwar id-dinja, fosthom lil Malta. Wara l-Indipendenza, Malta bdiet it-triq biex ikollha ekonomija bbażata fuq il-manifattura u t-turiżmu. L-ekonomija ta' Malta kienet għadha tiddependi fuq il-bażi militari Ingliża, fejn għalkemm konna indipendenti xorta kien għad baqa' postijiet strateġiċi li kienu għadhom f'idejn l-Ingliżi. Fis-snin sittin bdew jinfetħu l-ewwel fabbriki u jinbnew lukandi lussużi li wħud minnhom għadhom jiffunzjonaw sal-lum –il ġurnata.




Bolla tal-1970 li tikkommemora –il 25 sena tal-Għnus Magqħuda.

Ħamsin sena ilu konna għadna m'aħniex Repubblika, allura flok president kellna gvernatur, li kien Sir Maurice Dorman. Dan kellu jkun l-aħħar gvernatur ingliż ta' dawn il-gżejjer. L-Arċisqof ta' Malta kien Mons. Mikiel Gonzi li kien ilu sa mill-1944. Jgħinu kellu lill-Isqof Emmanuel Galea. L-Isqof t'Għawdex kien Mons. Ġużeppi Pace. Il-Prim Ministru ta' Malta kien Dr. Giorgio Borg Olivier, li kien ilu sa mill-1962. L-Arċipriet ġewwa ż-Żurrieq kien Mons. Pawlu Pace li kien ilu jmexxi din il-Parroċċa sa mill-1960. Il-festi dak iż-żmien kienu jsiru fuq skala ferm iżgħar minn dak li naraw illum, però l-piki kienu aktar qawwija. Dik is-sena, fi Frar, kienet seħħet diżgrazzja fil-kamra tan-nar ta' San Ġużepp ta' Ħal-Għaxaq fejn kienu mietu ħames persuni.



Il-Papa Pawlu VI mal-Kardinal Karol Woytila, il-futur Papa Ġwanni Pawlu II - 1970.

Il-Knisja kien imexxiha il-Papa Pawlu VI. Dan il-Papa li ismu kien Giovanni Battista Montini kien ilu fuq it-tron ta' San Pietru sa mill-1963. Huwa kien l-ewwel Papa li beda joħroġ mill-Vatikan, fejn żar bosta pajjiżi. Waħda mill-aktar enċikliki importanti li kiteb kienet Humanae Vitae 1968, li kienet tittrata dwar il-ħajja.

Madwar id-dinja, bħal-lum u f'kull żmien ieħor, kien għaddej taqlib mhux ħażin. Kienet għaddejja il-gwerra tal-Vjetnam li kienet ilha sejra sa mill-1965. Hawn kienu qegħdin imutu żgħażagħ Amerikani fil-fjur ta' ħajjithom f'post fejn l-ambjent tal-ġungla kien ġdid għalihom. Għall-aħħar tas-snin sittin kienu qegħdin isiru ħafna protesti madwar id-dinja, l-aktar fl-Istati Uniti kontra din il-gwerra. Apparti l-Vjetnam, kien għaddej il-ġlied fil-Lvant Nofshani fejn kien ilu għaddej sa mill-aħħar tas-snin erbgħin. Dik is-sena, fl-1970 miet il-President Eġizzjan Gamal Abdel Nasser. Dan kien idolu tad-dinja Għarbija u wieħed mill-protagonisti fil-kunflitt tal-Lvant Nofshani.

Ukoll, fis-sena 1970, fil-Formula 1 tal-karozzi kien miet il-pilota Awstrijakk Jochen Rindt waqt il-kampjonat. Għalkemm kien baqa' numru ta' tiġrijiet xi jsiru, huwa tant kien tella' punti li xorta kien ħareġ rebbieħ tal-kampjonat ta' dik is-sena. Dik kienet l-unika sena fejn xi ħadd mejjet kien rebaħ il-kampjonat wara mewtu.



Ajruplani Amerikani fuq il-Vjetnam 1970

Richard Nixon kien il-President tal-Istati Uniti u Edward Heath kien il-Prim Ministru tal-Ingilterra. Dik is-sena kien miet Charles De Gaulle. Dan l-istatista Franċiż kien l-eroj ta'pajjiżu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Dak iż-żmien kien hawn tlett pajjiżi li kellhom il- mexxejja tagħhom li kienu nisa. Dawn kienu l-Iżrael li kellu bħala Prim Ministru lil Golda Meir, l-Indja li kienet taħt it-tmexxija ta' Indira Gandhi u Sri Lanka jew Ceylon li kienet taħt it-tmexxija ta' Sirimavo Bandaranaike. Din tal-aħħar kient l-ewwel mara li qatt kienet Prim Ministru.

Fil-qasam tal-arti u d-divertiment, dik is-sena l-grupp famuż The Beatles infired. Elvis Presley kien għaddej b'saħħtu b'diski bħal 'In The Ghetto','Suspicious Minds' u 'The Wonder of You'. Dik is-sena miet Jimi Hendrix f'Londra fejn mietet ukoll Janis Joplin. Il-Grupp Amerikan Credence Clearwater Revival kien qiegħed joħroġ diski tajbin stil Country Rock bħal 'Proud Mary' u 'Bad Moon Rising'. Dik is-sena il-kantant Malti John Lukas irnexxielu jidħol fil-klassifika Ingliża bid-diska 'I Can't Afford To Loose'.




Let it Be, l-aħħar album tal-Beatles 1970

Fil-qasam sportiv dik is-sena kienet tmiss it-Tazza tad-Dinja tal-futbol. Din intlgħabet fil-Messiku, fejn il-Brażil għelbu lill-Italja fil-finali u ħadu t-tazza Jules Rimet għal kollox wara li kienu rebħuha għat-tielet darba. L-aktar logħba eċitanti kienet dik tas-semi-finali bejn l-Italja u l-Ġermanja li spiċċat 4-3 fil-ħin barrani għat-Taljani. Waqt din l-edizzjoni il-plejers li kienu spikkaw kienu Pelè, Jairzinho, Riva, Rivera, Beckernbauer u Cubillas fost oħrajn. Fuq din l-edizzjoni anke hawn Malta kienet ħarġet diska minn Fredu Abela l-Bamboċċu.

Il-moda taż-żgħażagħ ta' dak iż-żmien kienet iddominata mid-dbielet mini skirt u l-qliezet bell bottom. Il-ġuvintur ħafna minnhom kienu jħallu x-xagħarhom twil. Il-karozzi kienu bdew jinxtraw aktar mill-ħaddiema. L-aktar karrozzi li kienu popolari kienu l-Escort, il-Capri u Hillman Hunter. Is-Swali taċ-Ċinema dak iż-żmien kienu jkunu mimlija, anke fl-irħula. Iċ-ċensura tal-films bdiet terħi anke hawn Malta.



Il-logħba tas-semi-finali Italja – Ġermanja 1970